# Tixxennaq u tinfena Ruħi għat-Tempju tal-Mulej(5) Doqqu Qniepen Doqqu

Kitba ta' Mario Formosa Holt

Illum il-ħajja ta' madwarna hi mizgħuda b'ħafna ħsejjes. Sfortunatament ħafnaminnhom xejn ma huma pjaċevoli. Hemm iżda xi ħaġa, li għax saret ħaġa ta' kuljum, forsi drajniha u ma napprezzawiex biżżejjed. Qiegħed nalludi għad-daqq tal-qniepen.

Id-daqq tal-qniepen illum imqabbel ma' l-imgħoddi, naqas ħafna. Għalkemm l-għan prinċipali tagħhom baqa' l-istess jiġifiri dak li jfakkru lil dak li jkun jinġabar fit-talb u sabiex isejħu l-mi-ġemgħa lejn il-knisja, il-funzjoni soċjali tagħhom kważi nqatgħet għal kollox.

Fl-Imgħoddi d-daqq tal-qniepen kien jibda għal ħabta ta' l-erba' ta' filgħodu bid-daqq tal-Pater Noster. Kienu 33 tokk ta' qampiena partikulari li jfakkru li wieħed malli jqum mir-raqda tal-lejl, għandu jfaħħar lil Mulej Alla bit-talba tal-Missierna. Naturalment kien hemm it-tokki ta' qabel kull quddiesa sabiex id-daqq tal-qniepen jissokta fit-tmienja ta' filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija. Dan l-aħħar daqq ta'qniepen jistieden sabiex wieħed igħid it-talba ta' L-Angelus. L-aħħar tokki tal-qniepen matul il-jum kien dawk magħrufa bħala ta' L-Imwiet fejn ifakkru li wieħed jeħtieġ jitlob għall-għeżież erwieħ tal-purgatorju. Dawn id-drawwiet tista tgħid li llum għadhom magħna għajr għal fatt li ma jsirx daqq ta' qniepen bejn id-disa' tal-filgħaxija u qabel is-sitta ta' filgħodu, u f'Tas-Sliema aktar tard.

Naturalment hemm daqq ieħor ta' qniepen bħal ma ngħidu aħna dik li tindaqq il-Ħamis filgħaxija li tfakkar fit-twaqqif tas-Sagrament ta' l-Ewkaristija. Bħalma l-qniepen kapaċi jnisslu l-ferħ permezz tan-noti ntunati tagħhom ngħidu aħna fil-Festi, daqstant ieħor jafu jwasslu messaġġ ta' dieqa permezz tal-"libra" li tindaqq f'xi funeral. L-Istess daqq ta' qniepen jinstema' nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar sabiex ifakkar fil-Passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.




*Kartolina bil-qniepen il-ġodda*

Il-gzejjer tagħna huma mogħnija b'ħafna qniepen sbieħ. Uħud minnhom imorru lura ħafna fiż-żmien. Xi wħud minnhom saħansitra nħadmu f'Malta, oħrajn ġew impurtati l-aktar mill-Ingilterra, Franza u l-Italja. Mhux il-qniepen kollha bħala settijiet humma f'akkordju bejnithom. Naturalment dan l-aktar li jseħħ peress li xi qniepen ma jinħadmux flimkien fl-

istess funderija waqt li oħrajn jiżdiedu wara. Kultant jiġri wkoll li wħud tiġrilhom ċerta ħsara li allura ttelfilhom it-tonalità tagħhom.

Il-Knisja ta' Stella Maris ġiet imbierka u fetħet għall-kult reliġjuż nhar is-Sibt 11 ta' Awwissu 1855, Naturalment kemm fid-daqs kif ukoll fid-dehra kienet ferm differenti. Fil-faċċata tagħha kellha portiku mwiezen fuq erba' kolonni. Fil-quċċata kien hemm bħal żewġ ħnejjiet zgħar li magħhom kienu mdendla l-qniepen. Kellhom igħaddu 54 sena biex tabilħaqq il-knisja ta' Stella Maris finalment tieħu s-sura li nafuha llum. Dan wara li nbniet faċċata ġdida kompluta bil-kampnari. Aktar qabel, jiġifiri fl-1877 l-istess knisja ġiet mkabbra permezz ta' żewġ kappelluni spażjużi flimkien mal-kor wara l-altar maggur u fuq kollox ħadet dehra ferm isbaħ permezz ta' koppla maestuża. Kif għedna aktar qabel, dan ix-xogħol tat-tkabbir tlesta fl-1909 bil-bini ta' faċċata ġdida. Fil-Kampnar tal-lemin tqiegħdu t-tliet qniepen li l-parroċċa kellha sa dakinhar. Tnejn minn dawn il-qniepen, jiġifiri l-iżgħar u l-akbar waħda nħadmu fl-1875 u fl-1885 rispettivament mill-Bormliż Ġulju Cauchi li kellhu l-funderija tiegħu f'Għajn Dwieli.

Fuq il-qampiena ż-żgħira hemm skrizzjoni li tgħid li kienet ingħatat minn Dun Karm Casha Gerada l-ewwel Vigarju Kurat tal-Parroċċa ta' Stella Maris. Interessanti li l-qampiena fustanija ġġib fuqha d-data 1796 jiġifiri sentejn biss qabel ma' l-Ordni ta' San Gwann tkeċċa minn Malta. Naturalment din id-data tqajjem ċerti mistoqsijiet bħal ngħidu aħna jekk u fejn kienet imdendla qabel, bħal ngħidu aħna fil-kappella ta' Tigne u forsi aktar tard fil-kappella tal-Madonna tal-Grazzja. L-istess sena li hemm fuqha toħloq domanda oħra fuq min seta' ħadimha. Jekk ġietx impurtata jew inħadmet fil-funderija ta' l-istess Ordni tal-Kavallieri. L-akbar waħda minn dawn il-qniepen, li Gulju Cauchi ħadem fl-1885 u ġiet ikkummissjonata mill-ewwel Kappillan, Dun Vinċenz Manche, tizen disa' qnatar u li dak iż-żmien kienet swiet 1800 skud, illum tinsab fil-Parroċċa ta' Marsaxlokk. It-tnejn l-oħra jservu sabiex permezz tagħhom jindaqq l-arloġġ li nħadem mill-magħruf Mikelang Sapiano fl-1875. Fuq il-fustanija jindaqqu s-siegħat, filwaqt li permezz taż-żgħira jindaqqu l-kwarti.

Jingħad wkoll li fl-1889 xi benefattur offra li jħallas għal żewġ qniepen, Il-kappillan Manche ma aċċettax din l-offerta. Jista' jkun hemm żewġ raġunijiet għala m'aċċettax. L-ewwel raguni setgħet kienet għax ma kienx għadu hemm kampnari adattati sabiex jilqgħu fihom dawn il-qniepen. Raguni oħra setgħet kienet li ma kienux f'akkordju fit-tonalità mal-qniepen l-oħra, ma ninsewx li Gulju Cauchi li kien ħadem iż-żewġ qniepen ezistenti u li żgur għamilhom jaqblu ma' dik l-aktar antika. Jibqa' l-fatt li dan il-benefattur ta' dawn iż-żewġ qniepen lil knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor u ma ried jagħmel ebda opra oħra fil-knisja ta' Stella Maris.

Wara li nbniet il-faċċata l-ġdida b'żewġ kampnari kbar kien beda jinħass il-bżonn li ssir sett qniepen ġodda, anke minħabba l-fatt li nbnew kampnari ġodda b'dan il-hsieb. Kien fi żmien il-parrokat ta' Dun Rafel Capurro li dan il-progett ittieħed verament bis-serjeta. Fl-1933 inħatar kumitat sabiex jiġbor il-fondi għal dan il-għan u finalment sabiex dan il-progett jitwettaq kif kienet ix-xewqa tal-parruċċani.
Il-Kumitat kien iffurmatt hekk kif gej:

| | |
|---|---|
| **President Onorarju:** | W.R. Kappillan Dun R. Capurro |
| **President:** | Is-Sur Vinċenz Portanier |
| **Segretarju:** | Is-Sur Giuseppe Debono |
| **Ass. Segretarju:** | Is-Sur Maurice Busietta |
| **Kaxxier:** | Dun Edmondo Tabone |

**Membri:** Dun Manwel Zammit, Dun Karm Micallef, Is-Sinjuri Giuseppe Bonnici, Salvu Calleja, Salvu Muscat, Robert Xuereb, Edwin Holland, Arturo Micallef, Emanuele Carabez u Carmelo Agius.

Peress li wara ftit taż-żmien Dun Manwel Zammit(kien intbgħat fil-Parroċċa tal-Gżira) u s-Sur Robert Xuereb ma baqgħux jagħmlu parti minn dan il-Kumitat, flokhom intgħażlu s-sinjuri Paolo Carabez, Antonio Galea u John Bartolo.

Wara ħafna stħarriġ l-ordni għal dawn il-qniepen ġodda ngħatat lil funderija ta' Enrico Bianchi ta' Varese li kienet rappreżentata f'Malta mid-Ditta Ettore Lucia.

Sakemm dan is-sett ta' ħames qniepen wasal Malta, kemm Dun Edmondo Tabone kif ukoll Dun Karm Micallef telgħu kemm il-darba l-Italja, u ħallsu minn buthom, sabiex jaraw ix-xogħol isir sewwa.

Fl-aħħar iżda wara tant stennija ħerqana, fil-bidu t' Awwissu 1937, tmenin sena ilu, il-vapur Donizetti salpa lejn Malta jġorr fuqu sett qniepen ġodda għall-knisja Parrokkjali ta' Stella Maris.

*Dun Karm Micallef u Dun Edmondo ġewwa l-Funderija Bianchi F'Varese, flimkien mall-qniepen il-ġodda hekk kif tlestew*




*Maria Stella fi triqtha lejn Malta*

Bħala rikonnoximent ta' dan kollu, is-soċjetà kienet ġiet ippreżentata b'ritratt kbir ta' dawn il-qniepen ġodda – liema ritratt wieħed għadu jista' jarah sal-lum fis-sala prinċipali fis-sede ta' l-imsemmija Soċjetà.

Il-ħames qniepen ġodda kellhom akkordju "Quintiade in settima in do maggiore" magħmul mill-Professur Taljan Don. Antonolisei S.D.B. Wara li twasslu Malta, huma tgħabbew fuq karrettuni u mill-Port qabdu triqthom lejn Tas-Sliema fejn folla ta' nies ġmielha kienet qed tistenniehom. Huma ttieħdu fil-bitħa ta' l-iskola ta' St. Patrick's fejn aktar tard kellha ssir il-konsagrazzjoni tagħhom. Inridu niftakru li dak iż-żmien l-iskola ta' St. Patrick's kienet għadha tagħmel mal-konfini tal-Parroċċa Stella Marjana. Dawn il-fatturi jkomplu jkabbru d-damma ta' ġrajjiet li jorbtu ulied Don Bosco mal-Parroċċa ta' Stella Maris.

L-ispiża sabiex saru dawn il-qniepen kienet tlaħħaq elf mija u disgħa u tmenin (1189) lira Sterlina. Bla dubju ta' xejn somma kbira għal dak iż-żmien. Kienet prova oħra, jekk hemm bżonn, li missirijietna dejjem għarfu jagħtu l-aqwa u l-aħjar għat-Tempju t'Alla ddedikat lil Marija Kewkba tal-Baħar. Din is-somma, li ma tinkludiex id-dażju mħallas, inġabret b'sagrifiċċju imma b'imħabba kbira tal-parruċċani lejn il-Knisja tagħhom. Ma ninsewx li qed nitkellmu fiż-żmien ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija.

Is-Soċjetà Filarmonika Stella Maris, li dejjem ħadmet id f'id mal-parroċċa, għamlet l-ewwel għotja ta' ħamsa-u-għoxrin lira sterlina. Ma ninsewx ukoll li diversi membri tal-kumitat inkarigat, imsejjaħ Pro Fondo Campane kienu ġejjin minn ħdan l-istess Soċjetà Filarmonika. Fost dawn nistgħu nsemmu l-President tal-Każin ta' dak iż-żmien is-Sur Carmelo Agius u s-sinjuri Vincenzo Portanier, Salvu Muscat, John Bartolo u l-aħwa Emanuele u Paolo Carabez. Biex tgħin fl-ispiza nsibu lis-Soċjeta kienet tagħmel Lotteriji kif ukoll il-Banda Stella Maris kienet tieħu sehem fil-fieri li kienu jinżammu bl-għan li jinġabru l-fondi.

Intant bdiet it-tħejjija sabiex issir il-konsagrazzjoni ta' dawn il-qniepen ġodda nhar il-Ħadd 8 t' Awwissu 1937. Din iċ-ċerimonja tmexxiet mill-E.T. Mons Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex, f'isem L-Arċisqof ta' Malta Dom Mauro Caruana.

Id-diskors ta' l-okkażjoni sar mill-Kappillan Dun Rafel Capurro li tkellem dwar il-qniepen u l-importanza li dawn għandhom f'pajjiżna. Skond drawwa antika kull qanpiena ngħatat isem u kellha wkoll parrinu. Kull waħda kellha wkoll skrizzjoni bil-Latin li saret mill-Kappillan Capurro stess. Aħna hawn ser inġibu traduzzjoni bil-Malti. Hija drawwa wkoll li l-qniepen jissejħu jew aħjar ikunu magħmula skond id-daqs tagħhom. Fejn l-akbar waħda tiġi l-ewwel waħda u l-iżgħar tissejjaħ il-ħames.



Il Kampiena il Cbira tal Cnisia "Stella Maris",Sliema-(Pis:60Ktr.)

Din li ġejja hi deskrizzjoni ta' kull qanpiena, bl-iskrizzjoni tradotta għall-Malti kif ukoll min kien il-parrinu ta' kull waħda.

**MARIA STELLA** hi l-akbar qanpiena tas-sett u ovvjament għandha l-isem tat-titular tal-Parroċċa, kif ukoll wieħed issib fuqha l-arma ta' Tas-Sliema, kif jixraq għax ġġib l-isem tal- Patruna ta' Tas-Sliema. Hija tiżen 60 qantar u hi fost l-akbar qniepen li hawn fil-gzejjer tagħna. Parrinu tagħha kien il-Vigarju Generali tad-Djoċesi u benefattur kbir tal-Parroċċa, Mons. Pawlu Galea J.C.D.
Insibu fuqha dan li gej:

Infaħħar il-Veru Alla – Insejjaħ il-Poplu –
Niġbor il-Kleru
Nitlob għall-erwieħ – Inkeċċi t-tempesti –
O Alla Qaddis
O Qaddis Qawwi – O Qaddis Immortali – Ikun Imbierek l-Isem t'Alla

Ħarsu Lejn Il-Kewkba, Sejħu lil Marija.
It-Tieni qanpiena jisimha **MARIA DOLORES** u l-parrinu tagħha kienet il-Markiza Violet Scicluna, Barunessa ta' Bria. Fuqha nsibu dan il-kliem:

Kristu jirbaħ – Kristu jsaltan – Kristu jaħkem.

It-Tielet waħda ġġib l-isem ta' **MARIA ROSARIA** u parrina tagħha kien is-Sur Karm Cassar Torregiani, President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika Stella Maris. L-iskrizzjoni tagħha tgħid hekk:

O nies twajba li ntom devoti tal-Madonna tar-Rużarju w Ssejħulha Sultana – Aqtgħu l-ward minn din is-siġra tal-Misteri – Offru kuruni lil din l-Omm tas-sabiħa imħabba Ġesù Kristu.

Ir-Raba' qanpiena jisimha **GIUSEPPINA** u s-Sur Carmelo Agius, President tas-Soċjetà Filarmonika Stella Maris, kien il-Parrinu tagħha. Fuqha nsibu din l-iskrizzjoni:

Jiena nieħu ismi mingħand il-Gust Ġużeppi –
Il-Għarus kastissimu ta' l-Immakolata
Imqiegħed Kustodju ta' Ġesù Kristu

Patrun Universali tal-Knisja Kattolika
Ejjew, idħlu f'dan it-Tempju – Morru f'riglejn Ġużeppi
Agħtu ġieħ lil min rabba s-Sinjur Tiegħu

L-iżgħar qanpiena jisimha **CARMELA-TERESA-RAFFAELA** bil-kappillan Capurro jkun il-parrinu tagħha. Il-kitba fuqha tgħid hekk:


*It-tlugħ tal-kbira nhar il-Ħadd 15 Ta'Awwissu 1937*

Jiena nitlob lill-Madonna tal-Karmnu u ngħidilha
Ħares O Madonna mis-sema, zur id-dielja Tiegħek
U Saħħaħha – Lil Teresa ta' Lisieux nitlobha-
O Għarusa ta' Kristu – xerred fuqna lkoll ix-xita
Ta' dak il-ward li qatt ma jitbiel – Ma' San Rafel
Intenni dawk il-kelmiet li ġurnata qal lill-familja
Ta' Tobija – Faħħru `l Alla tas-Smewwiet.

Fil-Ġimgħa ta' wara bdew it-tħejjijiet sabiex il-qniepen jittieħdu mill-iskola ta' St. Patrick's sabiex jittellgħu fil-kampnari. Filfatt l-erba' ż-żgħar ittellgħu f'posthom nhar is-Sibt 14 ta' Awwissu. L-għada, jiġifiri l-Ħadd ħabat ukoll li kien l-Għid ta' L-Assunta. Folla mdaqqsa nġabret minn kmieni sabiex tkun preżenti għat-tlugħ f'postha tal-Qanpiena l-Kbira. Żgur li tmenin sena ilu ma kienx faċli li ttella' qanpiena ta' erba' tunnellatti mit-triq għal ġewwa l-kampnar. Il-ħidma kollha kienet taħt is-supervizjoni tas-sur Salvatore Calleja mgħejjun mis-Sur Filippu Sammut, imlaqqam il-Lupu, u li ħames snin qabel kien responsabbli mit-tlugħ tal-qanpiena l-Kbira ta' Birkirkara. Il-Kumplament għamluħ id-dirgħajn felhana ta'numru kbir ta' żgħażagħ u rġiel Slimiżi.

Dakinhar ħruġ il-Vara minn-niċċa żgur li kien wieħed speċjali u l-poplu Slimiż feraħ waqt il-kanta Te Deum b'radd `ħajr lil Alla u sema' għall-ewwel darba l-mota ferrieħa ta' dawn il-qniepen ġodda. Ġimgħa wara fl-ewwel festa tagħhom fostna sellmu lil Matriċi hija hu ħierġa u dieħla mit-tempju tagħha. Sfortunatament dawn il-qniepen ġodda ma tantx damu

jsemmgħu leħinhom għax dlonk fuq pajjiżna waqa' d-dell ikrah tal-mewt permezz tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Kellhom jisktu bħalma kellha tieqaf ħafna mill-attivita' soċjali f'pajjiżna. Kien nhar it-8 ta' Mejju 1944, festa Liturġika ta' Stella Maris li reġgħu bdew isemmgħu l-melodija armonjuża tagħhom.

Minn dakinhar ma waqfu qatt iżjed. Tista tgħid akkumpanjawna tul ħajjitna kollha. Ferħu magħna fil-Festi li ċċelebrajna. Bkew magħna f'mumenti ta' dieqa meta tlifna lil xi ħadd għażiż għalina. Fuq kollox qegħdin hemm sabiex ifakkruna f'Alla Ħallieq tagħna u f'Ommu l-Għażiża Marija Kewkba tal-Baħar.

Fl-2003 il-Kappillan Dun Raphael Pace qabbad lill-kampanologu s-Sur Kenneth Cauchi sabiex jirrestawra l-qniepen u fuq kollox jagħmilhom



*Is-Sur Benny Bugeja u t-tim tiegħuwaqt is-servizz ta' daqq fil-Festa ta' Stella Maris, fl-isfond tidher il-qanpiena l-kbira*

jaħdmu b'mod kompjuterizzat. Naturalment din hi rivoluzzjoni fid-daqq tal-qniepen u żgur li fil-ħoss u l-kwalità tad-daqq ma tistax tħabbatha mal-mod tradizzjonali ta' kif jindaqqu l-qniepen. Iżda almenu għadna nistgħu nisimgħawhom b'mod regolari tul il-Ġimgħa kollha, inkluża l-Libra tal-Ġimgħa fit-Tlieta ta' wara nofsinhar.

Fil-Festa Titulari u f'xi okkażjonijiet oħra l-qniepen tagħna għadhom indaqqu "minn fuq" jiġifiri mill-għoli tal-kampnar. Dan ix-xogħol ilu jagħmlu b'namra u passjoni l-ħabib tagħna s-Sur Benny Bugeja għal dawn l-aħħar kważi 45sena. Il-grupp tiegħu hu magħmul minn membri tal-familja tiegħu u xi ħbieb dilettanti bħalom.

Ser intemm din il-kitba tiegħi b'dak li kiteb is-Sur Bugeja stess fil-Programm tal-Festa 2003,
"*Mhux ser nidħol fid-dettal ta' l-istorja ta' dawn il-qniepen ferm sbieħ u melodjużi li għandha l-Parroċċa ta' Stella Maris. Pero ta' min wieħed igħid li dan is-sett huwa wieħed mill-aktar kompluti mhux biss f'Tas-Sliema, imma f'Malta u Għawdex. Il-qanpiena l-Kbira waħedha tiżen mas-sittin qantar. Jien, bħala dilettant, nitkellem ma' ħafna ħbieb minn parroċċi oħra u nistqarr li huma bosta dawk in-nies li jgħidu li jixtiequ li jkollhom sett bħal dan. Fi ftit kliem il-Parroċċa ta' Stella Maris tippossjedi sett qniepen mill-isbaħ u li għandha tkun kburija bihom u fl-istess ħin tgħozzhom ħafna*"

***Riferenzi:***


Programm Festa Stella Maris 2003 – Artiklu Benny Bugeja.
Programm Festa Stella Maris 2016 – Fabian Mangion.
Lehen il-Parroċċa ta Stella Maris N.9 – Artiklu John Bisazza.
Il-Knisja Tiegħi – Ġunju/Lulju 2011 Artiklu Vincent Galea.
Annwal Filarmonika Nicolo Isouard 2011 – Artiklu tal-Kav. Stanley Mangion.
Tas-Sliema, il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris – Maurice Busietta